MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 488/2010

**GO p.l.c. – C22334**

**vs**

**Joseph Zammit**
**I.D.202373-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u tletin Ewro u hmistax-il centezmu (€236.15c), liema ammont huwa dovut lis-Socjeta' attrici in konnessjoni mas-servizz ta' telekomunikazzjoni bl-akkont numru *AC40075117* skond diversi kontijiet mibghuta lilu, u skond id-dokumenti annessi, *IZY1* prospett ghas-servizz relattiv u *IZY2* ftehim dwar is-servizz telefoniku.
Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' mitejn sitta u tletin Ewro u hmistax-il centezmu (€236.15c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------